

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/1160

tas-26 ta' Ġunju 2017

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) (EUTM Somalia/1/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia), inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandanti sussegwenti tal-Missjoni tal-UE.
- (2) Fil-15 ta' Marzu 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/396 ⁽²⁾ biex ħatar lill-Brigadier Ġeneral Maurizio MORENA bħala l-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/971 ⁽³⁾ emendat il-linja ta' kmand tal-EUTM Somalia. Konsegwentement, id-Deċiżjoni (PESK) 2016/396 tħassret u l-Brigadier Ġeneral Maurizio MORENA nħatar bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.
- (4) Fl-10 ta' Marzu 2017, l-Italja pproponiet il-ħatra tal-Kurunell Pietro ADDIS biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral Maurizio MORENA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.
- (5) Fit-23 ta' Mejju 2017, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Kurunell Pietro ADDIS biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral Maurizio MORENA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia mill-1 ta' Lulju 2017.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kurunell Pietro ADDIS huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mill-1 ta' Lulju 2017.

⁽¹⁾ ĠUL 44, 19.2.2010, p. 16.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/396 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/173 (EUTM Somalia/1/2016) (ĠUL 73, 18.3.2016, p. 99).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/971 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tiddetermina l-arranġamenti għall-ippjanar u t-tmexxja tal-missjonijiet militari mhux eżekuttivi tal-UE fil-qafas tal-PSDK u li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja, 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 133).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS
